



"1 ta' Mejju tas-sena ċentinarja 2005 jibqgħu minquxin b'ittri tad-deheb"

# 250 Sena Fostna

## Il-Valur ta' Ġrajja u Kummissjoni

Dak in-nhar, ftit ġranet 'l bogħod mill-wasla lura fiż-Żejtun tal-vara titulari ta' Santa Katarina mir-restawr, s-Soċjeta` Mużikali Beland ħabbret l-awtur u d-data tal-kummissjoni tal-vara titulari oriġinali. Aktar tard, fit-2 ta' Ġunju, is-Soċjeta` tellgħet *Symposium* fuq il-kult ta' Santa Katarina fiż-Żejtun li matulu ġew ippreżentati aktar dettalji dwar din is-sejba hekk importanti.

Il-ftit linji minsuġin f'att notarili mifruxa fuq tliet paġni datat 21 ta' Awwissu 1757 tabilħaqq jfissru ħafna. Il-kuntratt laqqa' fi ftehim lill-iskultur Andrea Imbroll (1717-?) u l-prokuratur tal-artal ta' Santa Katarina, Dun Gużepp Darmanin, li skond kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien rabtu lil xulxin b'numru ta' obbligazzjonijiet li kellhom jwasslu biex tinħadem vara titulari ġdida. L-istatwa kellha ssir fl-injam tal-punent, ta' qies speċifiku (*sette palmi in otto*) u kellha titlesta sa sena wara. Ix-xogħol kellu jqum 140 skud li minnhom Dun Gużepp kien diġa' għadda 40 skud lill-iskultur.

Dawn id-dettalji ma jostrux l-importanza tal-kuntratt; aktar minn kollox ix-xbiha ta' Santa Katarina kellha tkun qed tippriedka. Il-prokuratur tal-artal ta' Santa Katarina u l-iskultur imqabbad minnu ma mxewx fuq l-użanzi ta' dak iż-żmien. Abozz jew disinn fiċ-ċokon tax-xogħol ikkummissjonat kien meħtieg kważi dejjem u kien jigi ppreżentat qabel ma l-partijiet imorru għall-kuntratt aħħari li jorbot l-obbligi b'mod legali. Għaż-Żwieten ta' 250 sena ilu l-ħsieb tal-predikazzjoni kellu jkun l-ispirazzjoni ewlenija għall-vara titulari li xtaqu. Lill-iskultur ma saqsewhx għal buzzett qabel ma jibda x-xogħol; l-anqas ma tarrfulu b'xi xbiha li kienet għal qalbhom biex b'ħilietu jagħraf jikkopja jew jispira ruħu minnha. Talbuh biss xbiha fl-injam tal-punent li kellha tkun qed tippriedka u talbuh biss li qabel jibda jaħdem fuqha jsawwar buzzett fit-tafal biex jagħtihom ħjiel ta' l-opra mitmuma. Aktar tard il-vara titulari ġiet mżejna bid-dritt tal-indulġenza mitluba fl-1762 f'isem ħutu Żwieten mill-kappillan konventwali Dun Dumink Abela.

Minkejja l-bidliet li għaddiet minnhom, il-vara titulari żammet mal-ħsieb oriġinali tal-kummissjoni hekk kif imfissrin fl-att notarili ta' 250 sena ilu. Dan kollu jagħmel mill-vara titulari taż-Żejtun xbiha unika.



Is-*Simposium* imtella mis-Soċjeta` li matulu tħabbru d-detalji tal-Kummissjoni tal-Vara Titulari wara l-istqarrija maħruġa fl-1 ta' Mejju 2005.



"Talbuh biss xbiha fl-injam tal-punent li kellha tkun qed tippriedka ..."





Oblig.e
D. Joseph Barmani
et
Andream Imbrogl

L'Anno del Sig.re mille settecento cinquanta sette corren-
te giorno ... del mese d'Agosto
Personalmente costituito in anzi di noi
Nod.o Testi infr.ti m.ro Andrea Imbrogl
figlio di Giovanni della Città Valletta
a me Nod. conosciuto di sua libera e
spontanea volontà si è obligato, ed ob-
liga verso il Rev.do Sig. Don Giuseppe
Barmani di Casal Zeytun a me Nod.

pure conosciuto presente, e come Procu-
ratore della Ven.le Chiesa Par.le di detto
Casal Zeytun stip.te di fare una Statua
di legname di ponente rappresentante
S.ta Catarina in atto di predicare dell'
altezza di palmi sette in otto, e deve
essere lavorata secondo li chiede l'arte,
e darla pronta sino li 15 del mese
d'Agosto dell'anno seguente 1758.
senza eccezione veruna.
E ciò per il prezzo di scudi cento quaran-
ta di tt 12 per scudo, dalli quali s 40
il pred.o Imbrogl di sua spontanea vo-
lontà dice, e confessa d'aver avuto, e
ricevuto dal d.o Sig. D. Giuseppe Barma-
ni a n. sopradd. stip. e pagante la som-
ma di scudi quaranta pattito in m.ta
d'oro, arg. e rame.
Per la qual causa.

Li restanti scudi cento il pred. Sig.
D. Giuseppe Barmani a n. sopradd.
di sua spontanea volontà ha promes-
so, e promette, e sollennemente obligato
et obliga darli, e pagarli al d.o Imbrogl
stip. come banno seguita che sarà

La consegna di d.a Statua senza ecce-
zione veruna.
Patto che il d.o Imbrogl prima di dar prin-
cipio alla detta Statua sarà tenuto fare
il modello di creta rappresentante
S.ta Catarina in atto di predicare, e con-
segnarlo al d.o S. D. Giuseppe, e non altr.
Dichiarò il pred. Sig. D. Giuseppe d'esser
intervenuto nel presente Contratto come
abilitato in vigor di Decreto spedito dalla
Gran Corte Vescovile nel suo memoriale
sotto li ... e non altr.
Tutte le quali cose.

Avendo giurato. Unde
Fatto, e stip. in Malta, ed in Casal Zeytun in
pnza di Pietro Cammilleri del fu Andrea e di
... Cammilleri suo figlio di d.o Casale Testi.

"Una Statua di Santa Caterina in atto di predicare" ■